Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,603, 9 ta' April, 1998

Taqsima B

A.L. 97 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP.327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fl-Istudji tal-Pulizija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fl-Istudji tal-Pulizija.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord ta' l-Istudji" ifisser il-Bord ta' l-Istudji mwaqqaf skond ir-regolament 3;

"iċ-Ċertifikat" ifisser iċ-Ċertifikat fl-Istudji tal-Pulizija; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għaċ-Ċertifikat fl-Istudji tal-Pulizija.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet mibdija fl-1998 jew wara.

Il-Bord ta' l-Istudji

3. (1) Is-Senat għandu jaħtar Bord ta' l-Istudji għall-Kors fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istitut għall-Istudji Forensiċi. Il-Bord għandu jkun magħmul minn *Chairman*, il-Ko-ordinatur tal-Kors u sitt membri. Jekk ikun hemm il-ħtieġa jistgħu jissejjħu membri oħra.

(2) Il-Bord għandu jagħti l-parir tiegħu lill-Bord tad-Dħul ta' l-Universita' dwar id-dħul ta' l-istudenti, u għandu jagħmel ir-

rakkomandazzjonijiet lis-Senat dwar il-program akkademiku u dwar ħtiġijiet oħra li jolqtu t-tmexxija xierqa tal-Kors.

Eliġibilita' għaċ-Ċertifikat

4. Biex ikun eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat, l-istudent irid ikun:

(a) irreġistrat bħala student u jkun temm il-Kors b'suċċess skond dawn ir-regolamenti;

(b) temm il-programm ta' l-istudji, għadda mill-eżamijiet finali u ssodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) issodisfa r-rekwiżiti kollha preskritti fl-istatuti u r-regolamenti rilevanti l-oħra ta' l-Universita'.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

5. L-istudenti għandhom jiġu nominati mill-Kummissarju tal-Pulizija u jistgħu jirreġistraw għall-Kors skond ir-Regolamenti għad-Dħul jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul biex jirreġistraw bħala studenti regolari, kif stipulat fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

jew

(b) huma membri fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta fi grad ta' Surġent jew ogħla, u juru lill-Bord ta' l-Istudji li huma għandhom il-ħila akkademika biex isegwu l-Kors bi profitt.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors jestendi fuq żewġ semestri ta' studju fuq bażi full-time.

Il-Programm tal-Kors

7. (1) Il-Kors huwa magħmul minn taqsimiet studju, li għalihom jiġu assenjati mhux inqas minn wieħed u għoxrin (21) kredtu, f'oqsma ta' studju li

huma direttament relatati max-xogħol tal-pulizija u ma' dawk l-istudji li jsostnu l-istudji tal-pulizija.

(2) Katalogu ta' taqsimiet studju, li juri l-kredti assenjati lil kull waħda, u liema taqsimiet studju huma obbligatorji, għandu jkun ippubblikat fil-bidu tal-Kors.

(3) It-taqsimiet studju jistgħu jinkludu lectures, seminars, tutorials, xogħol prattiku, proġetti, ħidma fuq il-post jew abbinament bejn uħud minn dawn skond ma jkun meħtieġ.

(4) Kull taqsima studju tista' tiġi valutata permezz ta' xogħol matul il-kors, testijiet bil-miktub jew orali jew abbinament ta' dawn kif meħtieġ u kif stabbilit mill-Bord ta' l-Istudji.

Valutazzjoni

8. (1) Ir-riżultati għandhom jiġu pubblikati skond il-gradi li ġejjin: A, B, C u D. F tfisser li weħel u I tfisser li mhux komplet.

(2) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' taqsima studju għandhom jitħallew jagħmlu riparatorju darba biss. Jekk jgħaddu, l-ogħla grad li jistgħu jiksbu huwa grad D. Fil-każ li ma jgħaddux, l-istudenti għandhom jitqiesu li weħlu għal kollox f'dik it-taqsima studju.

L-Eżamijiet Finali

9. (1) L-eżamijiet finali komprensivi għandhom jikkonsistu f'żewġ (2) karti bil-miktub u għandhom isiru fi tmiem il-Kors. Dawk l-istudenti biss li jiksbu mhux inqas minn wieħed u għoxrin (21) kredtu għandhom jitħallew joqogħdu għall-eżamijiet finali.

(2) L-istudenti li jeħlu f'xi waħda mill-karti ta' l-eżamijiet jitħallew jerġgħu joqogħdu għall-karta jew karti li weħlu minnhom darba oħra fi żmien mhux aktar minn sitt (6) xhur mid-data meta ġew ippublikati r-riżultati. L-ogħla grad li jista' jingħata wara din is-sessjoni riparatorja jkun grad D. L-istudenti li jeħlu fir-riparatorju jitqiesu li weħlu fil-Kors.

Ir-Riżultati

10. (1) Il-klassifika finali ta' l-istudenti għandha tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju (inklużi l-prattiċi) u l-eżami finali skond il-piż kif ġej:

Taqsimiet studju (esklużi l-prattiċi)	50%
Taqsimiet studju prattiċi	10%
L-Eżamijiet Finali	40%.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Certifikat għandhom ikunu ppubblikati f'ordni alfabetiku fil-kategoriji li ġejjin:

Għadda b'distinzjoni
Għadda.